MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2020

Appell Inferjuri Numru 388/08 LM

**Mario Tonna u b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati tad-19 ta' Ġunju, 2019, l-atti ġew trasfużi fuq Dionne Tonna Trifiro u Kristel Lund Tonna stante l-mewt ta' Mario Tonna**
*(l-appellanti)*

***vs.***

**Edwin Camilleri bħala direttur għan-nom u in rappreżenanza tal-kumpannija L&M Camilleri Ltd**
*(l-appellata)*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Dionne Tonna Trifiro** u **Kristel Lund Tonna** li f'isimhom ġew trasfużi l-atti wara l-mewt ta' Mario Tonna [minn

issa ’l quddiem “l-appellanti”], mis-sentenza mogħtija fid-9 ta’ Ottubru, 2019, [minn issa ’l quddiem “is-sentenza appellata”], mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa ’l quddiem “l-ewwel Qorti”], li permezz tagħha ddeċiediet ir-rikors tagħhom kontra Edwin Camilleri bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpannija **L&M Camilleri Ltd** [minn issa ’l quddiem “is-soċjetà appellata”] billi laqgħet it-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà appellata u l-eċċezzjonijiet tal-istess kif magħmula fir-risposta tagħha tat-12 ta’ Novembru, 2008, filwaqt li ċaħdet it-talba ta’ Mario Tonna, awtur tal-appellanti, kif imressqa permezz tar-rikors tiegħu tal-31 ta’ Ottubru, 2008.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw n-notifika tal-ittra uffiċjali numru 3648/08 [minn issa ’l quddiem “l-ittra uffiċjali”] ppreżentata mis-soċjetà appellata fit-2 ta’ Settembru, 2008, kontra Mario Tonna, illum mejjet, [minn issa ’l quddiem “ir-rikorrent”] *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. L-ittra uffiċjali ġiet notifikata fit-2 ta’ Settembru, 2008, u saret dikjarazzjoni dwarha mir-Reġistratur li din ġiet reża eżekuttiva skont l-imsemmi artikolu tal-Liġi. Permezz ta’ rikors ippreżentat fil-31 ta’ Ottubru, 2008, il-mejjet Mario Tonna talab lill-ewwel Qorti sabiex tħassar u tirrevoka t-titolu eżekuttiv, iżda dik il-Qorti b’digriet mogħti *in camera* fil-21 ta’ Novembru, 2008, ċaħdet it-talba tiegħu u ddikjarat li kienet qiegħda żżomm ferm it-titolu eżekuttiv imsemmi.

## Mertu

3. Mario Tonna istitwixxa dawn il-proċeduri permezz tal-preżentata ta' rikors quddiem l-ewwel Qorti fit-2 ta' Diċembru, 2008, fejn talab sabiex jiġi revokat *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-21 ta' Novembru, 2008, u tappunta r-rikors tiegħu tal-21 ta' Ottubru, 2008, għas-smigħ a tenur tas-subartikolu 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Is-soċjetà appellata wieġbet billi eċċepiet is-segwenti[1]: (a) ir-*res judicata* stante li d-digriet tal-ewwel Qorti tal-21 ta' Novembru, 2008, ma kienx ġie appellat; (b) ma kien jeżisti l-ebda rikors tal-21 ta' Ottubru, 2008, kif jingħad fit-talba tar-rikorrent; (ċ) filwaqt li għamlet riferiment għar-risposta tagħha għar-rikors tal-31 ta' Ottubru, 2008, żammet ferm l-eċċezzjonijiet tagħha.

## Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***
>
> *Fir-risposta tagħha għar-rikors promotur għall-proċeduri odjerni, is-soċjetà intimata ressqet tlett eċċezzjonijiet. L-ewwel eċċezzjoni ġiet deċiża b'mod definittiv mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-27 ta' Jannar 2016, it-tieni eċċezzjoni ġiet miċħuda bis-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Frar 2019, u għalhekk għad fadal li tiġi trattata u deċiża biss it-tielet eċċezzjoni.*

[1] Ara r-risposta a *fol.* 127 ippreżentata mis-soċjetà appellata permezz ta' nota.

*Fit-tielet eċċezzjoni tagħha, is-soċjetà intimata tagħmel riferenza għar-risposta oriġinali tagħha għar-rikors tal-31 ta' Ottubru 2008, u żżomm fermi l-eċċezzjonijiet tagħha.*

*It-talba tar-rikorrent fir-rikors tiegħu tal-31 ta' Ottubru 2008 hija msejsa fuq l-artikolu 166A(5) tal-Kodiċi ta' Orgnizzazzjoni u Proċedura Ċivili, liema artikolu jipprovdi hekk:*

"(5) Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:

(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss;
(ii) Li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3):

B'dan illi dan ir-rikors għandu jiġu appuntat għas-smigħ fi żmien ġimgħatejn.

*Ir-rikorrenti jsostni illi n-notifika tal-Ittra Uffiċjali 3648/08 ma kienitx valida stante li l-persuna li rċeviet din l-Ittra Uffiċjali ma kenitx ir-rikorrenti u dan kif konfermat mill-espert kaligrafu Joseph Mallia maħtur minn din il-Qorti fl-atti ta' dawn il-proċeduri. (fn. 5 Ara r-relazzjoni tal-espert kaligrafu Joseph Mallia a fol 38 tal-proċess). Dan l-espert ikkonkluda li għar-raġunijiet li hu spjega fir-relazzjoni tiegħu, il-firma li tinsab fuq il-*Pink Card *ma taqbilx mal-firma tar-rikorrenti u għalhekk ma ġietx miktuba minnu.*

*Dan il-fatt waħdu però ma jfissirx li r-rikorrenti ma ġiex debitament u regolarment notifikat b'din l-Ittra Uffiċjali. Fiż-żmien in kwistjoni u ċioé qabel ma ġie emendat bl-Att IV tal-2016, l-Artikolu 187(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kien jaqra hekk* "In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja titħalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha, fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali tagħha."

*Għalhekk sabiex persuna tkun validament notifikata bil-proċedura kif kontemplata fl-Artikolu 187, in-notifika m'għandhiex neċessarjament issir f'idejn dik il-persuna, iżda tista' titħalla ma' membru tal-familja, membru tad-dar, prokuratur jew persuna*

*fis-servizz tagħha, jew persuna awtorizzata minnha sabiex tirċievi l-posta, mhux biss fl-indirizz reġistrat iżda anke fejn toqgħod jew fuq il-post tax-xogħol.*

*Il-Qorti fliet sewwa l-atti kollha li jifformaw dawn il-proċeduri minn fejn jirriżulta illi bħala prova oġġettiva u mhux opposta, il-firma fuq il-*Pink Card *m'hijiex tar-rikorrenti. Oltre dan, ir-rikorrenti ikkonferma bil-ġurament tiegħu illi huwa qatt ma kien irċieva din l-ittra u li kien sar jaf biha meta ġie nfurmat mill-Bank li kien inħareġ mandat fil-konfront tiegħu. Ir-rikorrenti ikkonferma ukoll illi huwa ma kienx joqgħod fl-indirizz indikat fl-istess ittra uffiċjali, iżda f'indirizz ieħor (165/6 Tower Road Sliema). (fn. 6 Ara x-xhieda ta' Mario Tonna a fol 24 tal-proċess.) Fir-rikors tal-31 ta' Ottubru 2008, ir-rikorrenti jgħid illi minn indaġini sussegwenti rriżultalu li l-persuna li kienet effettivament irċeviet l-ittra uffiċjali kienet il-mara ta' ibnu Marcus Tonna. (fn. 7 Ara r-rikors ta' Mario Tonna tal-31 ta' Ottubru 2008 a fol 6 tal-proċess)*

*Minn naħa l-oħra, meta xehed f'dawn il-proċeduri d-direttur tas-soċjetà intimata Edwin Camilleri qal hekk:* "Mistoqsi fejn effettivament joqgħod Mario Tonna ngħid illi jiena ċert minn dan, naf li joqgħod Tower Road Sliema. Jien immur nimxi kuljum filgħodu fil-ħamsa ta' filgħodu u l-vettura ta' Mario Tonna tkun ipparkjata quddiem id-dar tiegħu Tower Road".

*Però s-soċjetà intimata qed tissottometti li n-notifika hija valida għaliex kif jirriżulta mill-provi, f'att ġudizzjarju ieħor ppreżentat mir-rikorrenti stess xahrejn qabel ma ġiet ippreżentata l-Ittra Uffiċjali in kiwstjoni, (fn. 8 Ara Dok LM1 a fol 10 tal-proċess.) bħala indirizz tiegħu ir-rikorrenti kien indika l-istess indirizz utilizzat mis-soċjetà intimata ai finijiet ta' notifika (31, Fl5, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema).*

*Fis-sentenza* ***Joseph Cassar Aveta vs Citadel Insurance plc*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) (fn. 9* Per *Imħallef Sciberras) fit-28 ta' Marzu 2007 ingħad illi:*

A prima vista l-imsemmi artikolu (Artikolu 187(1) al-Kapitolu 12) donnu jipprovdi suċċessjoni preferenzjali tal-postijiet fejn għandha ssir innotifika. Hekk una volta n-notifika ma tkunx tħalliet personalment f'idejn il-persuna notifikanda din għandha tiġi eżegwita "fil-lok fejn toqgħod jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali". Din l-alternattiva provvduta mil-liġi tirrendi indifferenti il-mod tan-notifika. L-importanti hu li n-notifika ssir lil persuna destinatarja f'xi wieħed mill-imsemmija lokalitajiet. Jekk imbagħad il-persuna notifikanda ma tkunx tinstab preżenti f'xi wieħed minnhom, il-pustier jew l-uffiċjal inkarigat tal-Qorti jista' jikkonsenja l-kopja tal-att lil persuna oħra skont kif stabbilit fid-dispost tal-liġi, jiġifieri, "f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha.""

*Għaldaqstant kuntrarjament għal dak li qed jissottometti r-rikorrent mhux meħtieġ għal validità tan-notifika li din tiġi eżegwita fir-residenza tiegħu, kif donnu qed jippretendi fis-sottomissjonijiet tiegħu. In-notifika hija wkoll valida jekk din issir fil-post tax-xogħol tiegħu jew fl-indirizz postali tiegħu.*

*Issa fil-każ odjern, mhux kontestat li n-notifika ma saritx fil-post ta' residenza tar-rikorrent, fi Triq it-Torri, Tas-Sliema, imma saret fl-indirizz li r-rikorrent stess kien niżżel bħala l-indirizz tiegħu (fi Triq Dingli, Sliema) f'ittra uffiċjali li hu kien bagħat xahrejn qabel lil Edwin Camilleri personali dwar l-istess żewġ proprjetajiet mertu tal-ittra uffiċjali eżekuttiva in kwistjoni.*

*L-Artikolu 174(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jippreskrivi* inter alia "Kull skrittura jew att ieħor li għandhom jiġu notifikati, għandu jkollhom magħhom: ... ... (ċ) indikazzjoni xierqa u sħiħa tal-post ta' residenza jew tan-negozju tal-parti li qed tagħmel it-talba ... ..."

*Din il-Qorti m'għandhiex l-iċken dubbju li meta l-leġislatur esiġa li bħala rekwiżit min jibgħat att ġudizzjarju għandu* inter alia *jindika b'mod ċar il-post tar-residenza tiegħu jew tan-negozju tiegħu, l-intenzjoni tiegħu kienet li min jirċievi dak l-att ġudizzjarju ikollu d-dettalji kollha neċessarji, inkluż l-indirizz tal-mittent, biex min jirċievi dak l-att ġudizzjarju ikun jaf fejn għandu jinnotifika lill-mittent bir-risposta tiegħu. Ovvjament il-mittent jista' jbiddel l-indirizz tar-residenza/ tax-xogħol/ jew dak postali tiegħu li jkun indika fl-att ġudizzjarju tiegħu, però jekk jagħmel dan, jinkombi fuqu li jipprova li kien hemm raġuni valida, għaliex biddel tali indirizz.*

*Kull argument kuntrarju, iwassal biss għal abbuż tas-sistema ġudizzjarja, fejn mittent jindika indirizz partikolari bħala l-indirizz tiegħu fl-att ġudizzjarju, u meta jirċievi att ġudizzjarju b'risposta jew mod ieħor f'dak l-indirizz mibgħut mill-persuna li tkun irċeviet l-att ġudizzjarju tiegħu, jeċċepixxi n-nullità tan-notifika għaliex jallega li l-indirizz indikat minnu stess ma kienx wieħed mill-indirizzi fejn legalment setgħet issir notifika lilu.*

*Fil-każ odjern kien ir-rikorrent stess li fl-ittra uffiċjali tiegħu tat-2 ta' Lulju 2008 lil Edwin Camilleri, direttur tas-soċjetà intimata indika bħala l-indirizz tiegħu "31, Fl 5, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema". Dan il-fatt juri l-volontà inekwivoka tar-rikorrent li ried li l-posta jew atti ġudizzjarji jintbagħtu lilu f'dak l-indirizz, minkejja li dan l-indirizz ma kienx l-indirizz tar-residenza tiegħu. Dan il-fatt ċertament jaqa' fid-definizzjoni ta' "indirizz postali" ai termini tal-Artikolu 187(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. F'dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti lanqas biss ittenta jagħti*

*spjegazzjoni għaliex fl-ittra uffiċjali tiegħu huwa indika dan l-indirizz u mhux l-indirizz tar-residenza tiegħu.*

*Effettivament, fit-2 ta' Settembru 2008, xahrejn biss wara, Edwin Camilleri bħala direttur tas-soċjetà intimata bagħat lir-rikorrent ittra uffiċjali fl-istess indirizz indikat mir-rikorrent fl-ittra uffiċjali tiegħu tat-2 ta' Lulju 2008. Huwa vera li Edwin Camilleri ammetta li kien jaf li r-rikorrent ma joqgħodx f'dan l-indirizz, però ladarba kien ir-rikorrent stess li indika l-indirizz fi Triq Dingli, Sliema, fl-ittra uffiċjali tiegħu tat-2 ta' Lulju 2008, ir-rikorrent ta l-kunsens inekwivoku tiegħu sabiex atti ġudizzjarji jiġu notifikati lilu f'dan l-indirizz. Minn dan isegwi loġikament li min jirrisjedi f'din ir-residenza kellu l-awtorizzazzjoni tar-rikorrent sabiex jirċievi l-posta tiegħu. Dan poġġa oneru fuq ir-rikorrent li jassigura li jiġi a konoxxenza ta' dawn l-atti u l-mod li jagħmilha kienet affari tiegħu. Jekk għal xi raġuni s-sistema ma tiffunzjonax, ma jistax jinħeba wara skużi opportunistiċi biex jaħrab mir-responsabbiltajiet tiegħu.*

*Fid-dawl tas-suespost, in-notifika in kwistjoni hija valida, għax kif diġà ingħad, l-Artikolu 187(1) ma jsemmix biss l-indirizz tar-residenza imma wkoll l-indirizz postali, l-indirizz fi Triq Dingli, Sliema, huwa l-indirizz postali indikat mir-rikorrent fl-ittra uffiċjali mibgħuta lilu.*

*Fir-rikors tiegħu tal-31 ta' Ottubru 2008, ir-rikorrent issottometta wkoll illi li t-talba tas-soċjetà intimata hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi ma hijiex dovuta, hija preskritta u bla preġudizzju għal dan għaliex l-ammont pretiż m'huwiex ġustifikat.*

*L-Artikolu 166A(5) u (6) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jippreskrivi illi titolu ezekuttiv miksub bis-saħħa tal-Artikolu 166A jista' jiġi rexiss biss għal dawn ir-raġunijiet:*

1. *Jekk id-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*
2. *L-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3) tal-Artikolu 166A.*

*Fl-ebda stadju ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent ma għamel xi sottomissjoni biex jikkonstesta l-karatteristiċi li l-ittra uffiċjali għandu jkollha skont l-Artikolu 166A, u din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għaliex għandu jkun hemm xi dubbju dwar il-validità tal-ittra uffiċjali in kwistjoni u l-ottemporanza tal-istess ittra mas-subartikoli (1), (2) u (3) tal-Artikolu 166A.*

*Għaldaqstant, huwa ċar, anke min-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess rikorrent u mit-trattazzjoni orali finali tal-avukat difensur tiegħu, li dawn il-proċeduri ġew ibbażati fuq l-ewwel raġuni mogħtija mis-subartikolu (5), u ċioé, li d-debitur ma*

*kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss – liema sottomissjoni qed tiġi miċħuda minn din il-Qorti għar-raġunijiet fuq espost.*

*Fi kwalunkwe każ, is-sottomissjoni tar-rikorrent li l-ittra uffiċjali* de quo *għandha tiġi rexissa għax l-ammont mitlub mhux dovut, huwa preskritt u bla preġudizzju għal dan għaliex l-ammont pretiż m'huwiex ġustifikat, ma humiex raġunijiet ammissibbli ai termini tal-istess Artikolu 166A(5) sabiex din l-ittra uffiċjali tiġi annullata."*

**<u>Trasfużjoni tal-ġudizzju</u>**

6. Wara rikors tal-appellanti sussegwenti għall-mewt tar-rikorrent, l-ewwel Qorti permezz tad-digriet tagħha tad-19 ta' Ġunju, 2019, ordnat it-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem l-appellanti.

**<u>L-Appell</u>**

7. L-appellanti ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fid-29 ta' Ottubru, 2019, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha rimanenti tas-soċjetà appellata u tilqa' t-talba tagħhom, bl-ispejjez kontra l-istess soċjetà appellata. L-aggravju prinċipali tal-appellanti huwa li ma tistax tiġi ritenuta valida n-notifika tal-ittra uffiċjali.

8. Is-soċjetà appellata laqgħet permezz ta' risposta ppreżentata fil-21 ta' Novembru, 2019, fejn issottomettiet li s-sentenza appellata hija ġusta u

għalhekk timmerita konferma minn din il-Qorti billi jiġi miċħud l-appell tal-appellanti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellanti fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

10. L-appellanti filwaqt li jagħmlu riferiment għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 187(1) tal-Kap. 12 u anki għas-sentenza fl-ismijiet **Mohib Abouzidan *vs.* Akram Jrirah**[2], jagħmlu s-segwenti osservazzjonijiet: (1) il-persuna li rċeviet l-ittra uffiċjali mhijiex l-awtur tal-appellanti, jiġifieri r-rikorrent Mario Tonna; (2) l-indirizz indikat mis-soċjetà appellata għall-fini ta' notifika tal-ittra uffiċjali ma kienx fejn kien jirrisjedi r-rikorrent Mario Tonna; (3) Edwin Camilleri kien jaf li r-rikorrent ma kienx jirrisjedi f'dak l-indirizz, iżda f'indirizz ieħor; (4) ma teżisti l-ebda ġustifikazzjoni għall-ħruġ u għan-notifika tar-rikorrent f'dak l-indirizz; (5) konsegwentement l-ittra uffiċjali ma tistax tiġi kkunsidrata bħala titolu eżekuttiv ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12. L-appellanti ssottomettew li huma ma kinux qegħdin jaqblu ma' dak li qalet l-ewwel Qorti li ġaladarba r-rikorrent kien indika l-indirizz ta' Triq Dingli, Sliema, fl-ittra uffiċjali tiegħu tat-2 ta' Lulju, 2008, huwa kien ta l-kunsens inekwivokabbli tiegħu sabiex atti ġudizzjarji jiġu notifikati lilu f'dan l-indirizz.

[2] P.A., 30.05.2017.

Isostnu li l-indikazzjoni tal-indirizz tkun limitata għal dak l-att u mhux għal kull att sussegwenti, anki jekk relatat, għaliex altrimenti l-atti dejjem jibqgħu jiġu notifikati f'dak l-indirizz anki jekk bħalma ġara fil-każ odjern, l-indirizz huwa ħażin jew il-parti tkun biddlet l-indirizz ta' residenza tagħha. Jirrilevaw li Edwin Camilleri fix-xhieda tiegħu ddikjara li huwa kien jaf li l-uniku indirizz ta' residenza ta' Mario Tonna kien dak f'Triq it-Torri. Hekk kif l-appellanti jerġgħu jagħmlu riferiment għal dak li jipprovdi s-subartikolu 187(1) tal-Kap. 12, jinsistu li fil-każ odjern ma ġiex ippruvat li jeżistu r-rekwiżiti mitluba minn dak is-subartikolu, għaliex kien ċar li l-ittra uffiċjali ma ġietx notifikata lir-rikorrent u min irċevieha lanqas kien awtorizzat jagħmel dan f'ismu jew kien fis-servizz tiegħu. L-appellanti jissottomettu li f'kwalunkwe każ il-mara ta' iben Mario Tonna ma setgħetx titqies bħala membru tal-familja tiegħu.

11. Is-soċjetà appellata twieġeb billi tosserva li l-liġi ssemmi l-kliem "indirizz postali" u tissottometti li dan l-indirizz ma kienx neċessarjament u esklussivament l-indirizz residenzjali. Jekk dan ma kienx hekk, il-liġi kienet tipprovdi mod ieħor u għalhekk l-interpretazzjoni tal-liġi mogħtija mill-appellanti kienet ħażina. Is-soċjetà appellata tgħid li ġaladarba r-rikorent kien indika indirizz u wżah għal skopijiet ġudizzjarji, huwa ma setax jargumenta, proprju għaliex ma kienx jaqbillu, li l-indirizz ma kienx dak tar-residenza tiegħu. Tissottometti li l-interpretazzjoni mogħtija mill-appellati kienet waħda żbaljata u l-Qorti hawnhekk għandha teżamina jekk in-notifika magħmula f'indiriz indikat mir-rikorrent stess f'att ġudizzjarju kinetx waħda valida. Is-soċjetà appellata tirrileva li skond ir-Reġistru Elettorali r-rikorrent kien jirrisjedi fl-indirizz ta' Triq Dingli, Tas-Sliema, u dan juri kemm hija tassew għamlet

tentattiv sabiex tinnotifikah fl-indirizz fejn kien jirrisjedi b'mod uffiċjali. B'riferiment għal dak li xehed Edwin Camilleri, tissottometti li x-xhieda tiegħu ngħatat wara li kienet saret in-notifika u b'hekk seta' kien il-każ li r-rikorrent kien sussegwentement biddel il-post fejn jirrisjedi. Tgħid li saħansitra wkoll l-indirizz fuq il-karta tal-identità tar-rikorrent kien differenti minn dawn iż-żewġ indirizzi. Dwar il-firma tal-persuna li rċeviet l-ittra uffiċjali, is-soċjetà appellata tissottometti li din kienet valida ai termini ta' dak li jipprovdi s-subartikolu 187(1) tal-Kap. 12. Tissuġġerixxi li l-firma hija ta' iben ir-rikorrenti, jiġifieri ta' Marcus Tonna li ismu wkoll kien jibda bl-ittra 'M'. Hawnhekk is-soċjetà appellata tirrileva li l-appellanti min-naħa tagħhom ma resqu l-ebda prova li n-notifika kienet invalida għaliex tħalliet f'idejn persuna li mhux permess li taċċetta notifiki jew għaliex ir-rikorrent kien barra minn Malta.

12. L-ewwel Qorti għarfet li kuntrarjament għal dak li kien qed jissottometti r-rikorrent, sabiex in-notifika tkun valida din ma kinitx teħtieg li tiġi eżegwita fir-residenza tiegħu, iżda setgħet issir ukoll b'mod validu fil-post tax-xogħol tiegħu jew fl-indirizz postali tiegħu. Osservat li fil-każ odjern in-notifika tal-att uffiċjali kienet saret fl-indirizz li r-rikorrent stess kien indika bħala l-indirizz tiegħu fi Triq Dingli, Tas-Sliema, u dan f'ittra uffiċjali mibgħuta xahrejn qabel minnu lil Edwin Camilleri dwar l-istess żewġ proprjetajiet mertu tal-ittra uffiċjali inkwistjoni. Filwaqt li għamlet riferiment għas-subartikolu 174(2) tal-Kap. 12, l-ewwel Qorti osservat li l-intenzjoni tal-leġiżlatur hawnhekk kienet proprju sabiex min jirċievi l-att ġudizzjarju jkun jaf fejn ser jinnotifika lill-mittenti bir-risposta tiegħu. Tgħid li jekk sussegwentement il-mittenti jbiddel l-indirizz tar-residenza jew tax-xogħol jew dak postali, ikun jispetta lilu sabiex

juri raġuni valida, altrimenti kien iseħħ abbuż tas-sistema ġudizzjarja. Qieset li l-indirizz indikat mir-rikorrent fl-ittra uffiċjali tiegħu lil Edwin Camilleri kien jaqa' fid-definizzjoni ta' "indirizz postali" skont it-termini tas-subartikolu 187(1) tal-Kap. 12 u osservat li r-rikorrent naqas milli jagħti spjegazzjoni għaliex huwa kien indika dan l-indirizz u mhux dak tar-residenza tiegħu. L-ewwel Qorti qieset li ġaladarba r-rikorrent kien indika l-imsemmi indirizz fl-ittra uffiċjali, huwa kien ta l-kunsens inekwivoku tiegħu sabiex l-atti ġudizzjarji jiġu notifikati lilu f'dak l-indirizz u għalhekk min kien jirrisjedi hemm kellu l-awtorizzazzjoni tar-rikorrent sabiex jirċievi l-posta tiegħu.

13. Din il-Qorti tikkondividi r-*ratio decidendi* tal-ewwel Qorti u tgħid li d-deċiżjoni appellata hija waħda tajba. Is-subartikolu 187(1) tal-Kap. 12 jipprovdi kif ġej:

> *"187. (1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna lil lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha."*

14. Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu huma ċari u ma jħallu l-ebda dubju dwar dak li kien intiż mill-leġiżlatur dwar in-notifika ta' persuna. Il-liġi tawtorizza li tali notifika tista' ssir ukoll fl-indirizz postali ta' individwu, li din il-Qorti tissenjala mhux neċessarjament ikun l-indirizz fejn jirrisjedi dak l-individwu. L-appellanti min-naħa tagħhom jinsistu li dan mhux hekk u jikkonfondu l-indirizz tar-residenza mal-indirizz postali, iżda l-Qorti tirrileva li

minbarra li s-subartikolu tal-liġi jikkontempla li persuna tista' tiġi notifikata kull fejn tinstab, in-notifika tagħha tista' ssir kemm fid-dar residenzjali, kemm fil-post fejn taħdem jew fil-post tax-xogħol tagħha, kif ukoll fl-indirizz postali tagħha.

15. Din il-Qorti tirrileva li l-indirizz indikat mis-soċjetà appellata fl-ittra uffiċjali inkwistjoni, huwa wkoll dak l-indirizz fejn ir-rikorrent kien reġistrat għall-fini tar-Reġistru Elettorali.[3] Iżda dan id-dokument juri d-data ta' April 2003 bħala dik id-data rilevanti għall-fatti hemm dikjarati u għalhekk din il-Qorti tikkunsidra li ma tistax tistrieħ fuqu fil-każ odjern fejn is-soċjetà appellata kellha possibilità ta' notifika f'indirizz aktar ċert.

16. Il-Qorti qegħda tieħu inkonsiderazzjoni wkoll ix-xhieda ta' Edwin Camilleri[4] li qal li r-rikorrent kien joqgħod f'Triq it-Torri, Tas-Sliema, u li hu kien jara l-karozza tiegħu pparkjata kmieni kull filgħodu quddiem id-dar tiegħu. Imma l-Qorti tgħid li din ix-xhieda bl-ebda mod ma tista' tittieħed bħala konferma tal-fatt allegat mill-appellanti li r-rikorrent ma kienx joqgħod fi Triq Dingli iżda fi Triq it-Torri. Din il-Qorti ħadet inkonsiderazzjoni wkoll li skont ir-Reġistru Elettorali ta' April, 2003, almenu f'dak iż-żmien kien hemm reġistrat it-tifel tar-rikorrent, forsi wkoll martu, fl-indirizz li l-appellati qegħdin isostnu kienet proprju ir-residenza tar-rikorrent.

[3] Dok. LM2 a *fol.* 11.
[4] Seduta tas-06.05.09, a *fol.* 18.

17. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-indirizz fuq il-karta tal-identità tar-rikorrent[5] huwa saħansitra differenti miż-żewġ indirizzi ta' Triq it-Torri u ta' Triq Dingli. Iżda ma tistax tgħid meta kien rilevanti dak l-indirizz, għaliex ma tirriżultax id-data ta' meta nħareġ dan id-dokument peress li l-Qorti quddiemha kellha biss kopja ta' naħa waħda tiegħu.

18. Għalhekk, din il-Qorti tqis li l-aktar prova ċerta dwar l-indirizz fejn kellu jiġi notifikat ir-rikorrent huwa dak li jinsab indikat fl-ittra uffiċjali[6] li r-rikorrent kien ippreżenta kontra Edwin Camilleri fit-2 ta' Lulju, 2008, jiġifieri xahrejn biss qabel is-soċjetà appellata ppreżentat l-ittra uffiċjali tagħha kontra Mario Tonna. Tirrileva li l-indirizz hawn indikat mir-rikorrent huwa proprju dak li s-soċjetà appellata, kif debitament rappreżentata mill-istess Edwin Camilleri, indikat fl-ittra uffiċjali inkwistjoni. Ma jistax ma jiġix osservat ukoll li l-mertu taż-żewġ ittri uffiċjali huwa fiż-żewġ każijiet proprjetà sitwata f'Triq Għar il-Lembi, Tas-Sliema, u jidher li l-partijiet kellhom xi kwistjonijiet bejniethom fir-rigward ta' dik il-proprjetà.

19. Għalhekk din il-Qorti tqis li meħuda inkonsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, is-soċjetà appellata kienet korretta meta għażlet li tinnotifika lir-rikorrent fl-uniku indirizz ċert li hija kellha u li kien saħansitra dak li r-rikorrent kien indika bħala l-indirizz postali tiegħu xahrejn qabel fl-ittra uffiċjali mibgħuta minnu lis-soċjetà appellata. Dan tgħidu wkoll b'riferiment għal dak li jipprovdi għalih is-subartikolu 174(2) tal-Kap. 12 u anki dak li qalet l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Tikkondividi l-fehma tal-ewwel Qorti li jkun proprju qed

[5] Dok. JM2, a *fol.* 59.
[6] Dok. LM1, a *fol.* 10.

isir abbuż tas-sistema ġudizzjarja, jekk il-mittent ta' att ġudizzjarju li jindika indirizz partikolari fl-att, sussegwentement meta jirċievi r-risposta jew att ġudizzjarju ieħor, huwa jeċċepixxi n-nullità tan-notifika għaliex l-indirizz ma jkunx wieħed minn dawk fejn legalment setgħet issir in-notifika.

20. Għalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti meta jgħidu li minn imkien ma kien jirriżulta li r-rikorrent kien ta l-kunsens inekwivokabbli tiegħu sabiex atti ġudizzjarji jintbagħtu lilu fuq dak l-indirizz. Ċertament l-iskop li wieħed jindika indirizz f'ittra kemm jekk uffiċjali kemm jekk interpellatorja, huwa sabiex l-interpellat ikun jista' jwieġeb lura. Il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti li l-iskop huwa limitat għall-ħruġ ta' dak l-att biss. Issa fil-każ odjern, ma kienx l-interpellat Edwin Camilleri li wieġeb lura, iżda l-kumpannija rappreżentata minnu dwar kwistjoni ta' proprjetà li kienet tinstab fl-istess triq, jiġifieri f'Triq Għar il-Lembi, tas-Sliema, u in mankanza ta' indirizz aktar ċert minn dak li jirriżulta saħansitra lil din il-Qorti, tagħraf li n-notifika saret skont il-liġi. Il-fehma ta' din il-Qorti aktar tissaħħaħ meta tikkunsidra li wara kollox il-persuna li ffirmat għan-notifika setgħet għażlet li ma taċċettax l-att ġudizzjarju.

21. Dwar il-firma ta' dik il-persuna li effettivament aċċettat in-notifika tad-dokument, din il-Qorti tista' biss tosserva minn riferiment għall-informazzjoni li tidher fil-paġna numru 146 tar-Reġistru Elettorali[7], li n-numru tal-karta tal-identità tagħha tirriżulta li hija dik ta' bin ir-rikorrent. Min-naħa tagħhom l-appellanti ma ressqu l-ebda prova sabiex juru li l-firma mhijiex tiegħu jew l-informazzjoni fuq il-*pink card* mhijiex korretta u għalhekk din il-Qorti tista' biss

[7] Dok. LM3, a *fol.* 12.

tikkunsidra li n-notifika hija waħda valida ġaladarba saret lil membru tal-familja tar-rikorrent.

22. Għaldaqstant din il-Qorti tqis l-aggravju tal-appellanti mhux ġustifikat u qiegħda tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanti billi tiċħdu u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, u dawk tal-appell odjern jitħallsu mill-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**